għadd ieħor ta' versi bil-metru tad-disgħa wkoll, iżda biex joħloq kuntrast ma' ta' qabel, iħaddem il-metru tad-disgħa maqtugħ jew tronk, u jisposta l-aċċenti billi jitfagħhom fuq it-tieni, ir-raba', is-sitt u t-tmien sillaba:

*U ħriġt mill-lòġġa tàl-kampnàr*
*u nżilt ir-ràmpa. F'vàmpa nàr*

Fil-versi tad-disgħa ġie li niltaqgħu ma' xi nuqqas żgħir 'l hawn u 'l hinn fil-waqgħa ta' l-aċċenti bħal: *Nòfs ta' tkixxìf, nòfs tà' tislìma* fejn l-ewwel aċċent qiegħed jaqa' fuq l-ewwel sillaba flok fuq it-tieni, anki jekk kif għedt dawn huma nuqqasijiet żgħar ħafna. U nuqqasijiet żgħar bħal dawn niltaqgħu magħhom ukoll fil-vers endekasillabu li fih l-aċċenti jaqgħu fuq it-tieni, ir-raba', is-sitt, it-tmien u l-għaxar sillaba, meta f'uħud mill-versi ħafna drabi l-aċċent flok jaqa' fuq it-tieni, jaqa' fuq l-ewwel sillaba: *Tàffa l-għàtx ìl-qaddìs u qìsni ràjtu*

Fil-metru tal-ħamsa li l-poeta wżah b'effett kbir (vv. 381 – 427) b'mod li jagħmel impatt qawwi mal-metri l-oħrajn ta' qabel u ta' wara, niltaqgħu wkoll ma' aċċenti li flok jaqgħu fuq it-tieni sillaba kif riedhom jaqgħu l-poeta, jaqgħu fuq l-ewwel:

| | |
|---|---|
| *Mal-wièd tal-ħàjja (2, 4)* | *f'għàma bla rìeda (1, 4)* |
| *mibrùm, imgèrbeb, (2, 4)* | *fl-èqqel tax-xìtwa (1, 4)* |
| *càgħka maħkùma (1, 4)* | *jgħàddi bħal ħòlma (1, 4)* |

Mill-banda l-oħra l-vers endekasillabu jħaddmu tajjeb ħafna, neħħi xi nuqqasijiet fl-aċċentwar, nuqqasijiet żgħar li ma jħassru xejn missbuħija ta' dan il-metru kif imħaddem minn Zammit. Madankollu filmetru endekasillabu tal-kwartini li bihom jagħlaq din il-poema (vv. 798 – 817) hemm ħafna aċċenti li flok jaqgħu fuq it-tieni, jaqgħu fuq l-ewwel sillaba fosthom: jixgħel, màdmad, ìżda, b'wìċċi, kîeku, b'qàlbi, eċċ., waqt li l-ewwel vers tat-tielet strofa (v. 806) kif inħu fih tnax-il sillaba bl-aċċenti mħarbtin sewwa:

"B'wiċċi ma' l-art xtaqt li, bħar-raheb t'Aġġira"

Wara li għedt dan kollu fuq il-metrika ta' din il-poema, irrid nistqarr b'wiċċi minn quddiem li din hija l-isbaħ xogħol letterarju li għandu Ġorġ Zammit f'din il-ġabra "Poeżiji" u nażżarda nsejħilha ġawhra fil-letteratura Maltija. Meta tiżinha sewwa ssib li barra l-elementi li fiha u li ddiskutejthom f'dan l-istudju ċkejken, ma tistax ma tissaħħarx bil-mod kif laħħam ħsibijietu u kif sawwarhom bilmetafori u figuri oħra tad-diskors u, ngħid għalija, fuq kollox, il-mod kif jaf fuq ponot subgħajh l-ismijiet toponomastiċi Maltin, ħaġa li tixhed bla dubju l-imħabba kbira tal-poeta għal Malta, b'mod speċjali għall-ambjent naturali Malti. U l-qarrej, wara li jaqra u jixtarr "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ", bla ma jrid isir jixbah lill-poeta!

**p. Alfred M. Previ**

# TEREŻ

**Fil-għodu tbakkar mas-serduk**
**u għad-dawl ta' lampa tal-ħmistax**
**minn friskatur**
**bl-ilma nadif u safi mill-bir**
**tal-bitħa**
**tlaħlaħ**
**il-bjuda ta' wiċċ irżin**
**maħqur minn tmenin sajf**
**magħkus mix-xemx Għawdxija.**
**Ilbiesha lbies xummiema,**
**nadif, sabiħ, onest, qadim,**
**tal-bieraħ,**
**bi kmiem sa fuq il-polz**
**u djul igħatti l-egħkiesi,**
**fuq qorq tal-bieraħ.**
**Xuxtha mgħottija**
**b'maktur bajdan!**

**Toħroġ itterraq kmieni**
**bejn għorfiet bieżla,**
**imqawel, ġonna li b'kull ġid**
**mimlija,**
**toħroġ minn kmieni**
**tisma' l-quddiesa**
**u . . .**
**lura f'darha,**
**tnajjar u ssajjar,**
**tnaddaf, taħsel, tagħlef**
**qtates, tiġieġ w agħsafar.**

**U fil-għaxija,**
**wara r-rużarju,**
**ftit wara l-Ave,**
**taħseb lejn soddtha.**

**Hekk ħajjitha! Xejn taf aħjar!**
**Le taf oħra!**
**Mid-dar għall-knisja u lura.**
**Mis-serħ għall-ħidma u terġa'.**
**'Ma fuq fommha**
**tidher tbissima ta' min dejjem**
**hieni.**



**J. Zammit Ciantar**